# REPUBBLIKA TA' MALTA

Konvenzjoni dwar it-transferiment ta' persuni.

Informazzjoni ghal persuni ta' nazzjonalita' Maltija.

Il-Konvenzjoni dwar it-trasferiment ta' persuni sentenzjati, tippermetti taht certi kondizzjonijiet lil persuni li rcevew piena ta' habs f'pajjiz li mhuwhiex il-pajjiz tan-nazzjonalita' taghhom li jigu trasferiti fl-istess pajjiz biex jiskontaw is-sentenza hemmhekk. Spjegazzjoni fil-qosor ta' dawn il-kondizzjonijiet qed tigi moghtija hawn taht. Dan id-dokument mhuwhiex deskrizzjoni shiha tal-konvenzjoni. Fil kaz, ghalhekk, li inti tixtieq tistaqsi dwar il-possibilita' li tigi trasferit f'Malta biex tiskonta s-sentenza li hadt hemmhekk, ghandek tistaqsi l-awtorita' tal-habs jew il-Ministeru kkoncernat ghal informazzjoni izjed dettaljata per ezempju, sabiex inti tkun tista tircievi kopja tal-konvenzjoni u sabiex iz-zewg pajjizi jikkonsidraw il-possibilita' tat-trasferiment tieghek. Inti tista' wkoll tindirizza kwalunkwe talba ghal informazzjoni lil-Konslu Rapprezentant tar-Repubblika ta' Malta.

**Min irid jaqbel mat-trasferiment?**

A. Trasferiment jehtieg:

a. il-kunsens tal-persuna koncernata, jew fejn mehtieg, tal-konsulent legali tieghu;

b. il-kunsens tal-istat fejn gie sentenzjat; u

c. il-kunsens tal-Istat lejn fejn it-trasferiment qed jigi mitlub.

**Min jista' jgawdi minn trasferiment lejn Malta?**

Inti tista tkun eligibbli ghal trasferiment lejn Malta jekk il-kundizzjonijiet li gejjin huma milqugha:

a, jekk inti meqjus persuna ta' nazzjonalita Maltija

b. jekk sentenza li biha hadt il-piena hija finali;

c. jekk, bhala regola generali, jonqsok tiskonta mill-inqas sitt xhur mis-sentenza fid-data li tasal it-talba ghat-trasferiment, ghalkemm f'cirkostanzi eccezzjonali dan il-perjodu jista' jkun inqas; u

d. jekk l-offiza li biha gejt mixli hija offiza kriminali skond il-ligi tal-parti relevanti (X) tar-Repubblika ta' Malta

## X'inhi s-sentenza li trid tigi skontata wara t-trasferiment?

Is-sentenza massima li trid tigi skontata wara t-trasferiment tkun iz-zmien tas-sentenza originali li jifdal wara t-tnaqqis ta' remissjoni moghti (fil-pajjiz li tat is-sentenza) sad-data tat-trasferiment. Jekk is-sentenza imposta (mill-pajjiz li tat is-sentenza) kienet itwal jew ta' tip differenti mis-sentenza li setghet kienet moghtija ghall-istess offiza fil-parti relevanti f'Malta, is-sentenza tigi addattata ghall-eqreb sentenza ta' l-istess xorta li tista' tinghata skond dik il-parti tal-ligi ta' Malta minghajr ma tkun itwal jew ahrax mis-sentenza originali.

Jekk tigi trasferit, is-sentenza tieghek tigi nforzata skond il-ligi u r-regolamenti li japplikaw fil-parti relevanti ta' Malta.

## Prosekuzzjoni ghal offizi ohra

Jekk joghgbok innota li jekk isehh it-trasferiment tieghek, l-awtoritajiet ta' Malta jistghu bi dritt iressquk ghal prosekuzzjoni, jissentenzjawk jew izommuk taht detenzjoni ghal kwalunkwe offiza ohra barra minn dik li ghaliha giet imposta s-sentenza li qed tiskonta.

## Mahfra, Amnestija, Grazzja

It-trasferiment tieghek ma jinpedikx milli tibbenifika minn kwalunkwe mahfra, amnestija jew grazzja ghat-tnaqqis ta' piena li tista' tinghata sija mill-pajjiz u li tatek is-sentenza jew Malta.

## Appell tas-sentenza originali

Jekk tirrizulta nformazzjoni gdida wara t-trasferiment tieghek li inti tqisha bazi sabiex titlob appell mis-sentenza originali moghtija (mill-pajjiz li tat is-sentenza) biss, biex tiddeciedi dwar kwalunkwe talba ghall-appell.

## Waqfien tal-Enforzar

Jekk ghal kwalunkwe raguni s-sentenza originali mposta (fil-pajjiz li tat is-sentenza) ma tibqax enforzabbli (fil-pajjiz li tat is-sentenza), l-awtoritajiet ta' Malta, malli jigu mgharrfa b'dan, jilleberawk mis-sentenza li qed tiskonta. L-istess, meta sentenza li qed tigi skontata f'Malta ma tibqax enforzabbli hawnhekk, int ma tkunx mistenni li tiskonta s-sentenza originali mposta (mill-pajjiz li tat is-sentenza) li kieku tirritorna hemm.

## Xi nformazzjoni dwar il-procedura

Tista' tesprimi l-interess tieghek fit-trasferiment lill-awtoritajiet (tal-pajjiz li tat is-sentenza) jew Maltin.

Jekk l-awtoritajiet (tal-pajjiz li tat is-sentenza) huma lesti jikkonsidraw it-trasferiment tieghek, huma jaghtu lill-awtoritajiet ta' Malta nformazzjoni dwarek, dwar il-fatti li ghandhom x'jaqsmu mal-kundanna u mas-sentenza u dwar it-tip ta' sentenza u t-tul taghha. Jekk l-awtoritajiet ta' Malta huma lesti li jikkonsidraw it-trasferiment tieghek, huma jirrispondu billi jaghtu nformazzjoni dwar it-tip u tul tas-sentenza li jkollok tiskonta wara t-trasferiment flimkien ma' informazzjoni dwar arrangamenti ghal remissjoni jew liberta' kondizzjonata ecc. fil-parti relevanti ta' Malta.

Ladarba z-zewg pajjizi jkunu kuntenti li jaqblu mat-trasferiment tieghek, inti tigi mistoqsi jekk, wara li rcevejt u qiest l-informazzjoni moghtija minn Malta taqbilx li tigi trasferit taht il-konvenzjoni.